

31998R0644

L 87/8

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

21.3.1998

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 644/98**

ta' l-20 ta' Marzu 1998

**li jissupplimenta l-Anness mar-Regolament (KE) Nru 1107/96 dwar ir-reġistrazzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjoni ta' l-oriġni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 ta' l-14 ta' Lulju 1992 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjoni ta' l-oriġni għall-prodotti u l-oġġetti ta' l-ikel agrikoli <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1068/97 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(2) tiegħu,

Billi, għal ċerti ismijiet innotifikati mill-Istati Membri skond l-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, intalab tagħrif addizzjonali sabiex jiġi żgurat illi ħarsu l-Artikoli 2 u 4 ta' dan ir-Regolament; billi dan it-tagħrif addizzjonali juri illi d-denominazzjonijiet iħarsu l-Artikoli msemmija; billi jridu għalhekk jiġu rreġistrati u miżjuda fl-Anness mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 <sup>(3)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 134/98 <sup>(4)</sup>;

Billi, wara l-adeżjoni ta' tliet Stati Membri oħra, il-perjodu taż-żmien ta' sitt xhur ipprovdut fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92 irid jibda fid-data ta' l-adeżjoni tagħhom;

billi wħud mid-denominazzjonijiet innotifikati minn dawn l-Istati Membri iħarsu l-Artikoli 2 u 4 ta' dan ir-Regolament u għalhekk għandhom jiġu rreġistrati;

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Regulatorju dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u d-denominazzjoni ta' l-Oriġini,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

Id-denominazzjonijiet fl-Anness ma' dan ir-Regolament huma hawnhekk miżjuda fl-Anness mar-Regolament (KE) Nru 1107/96.

*L-Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-20 ta' Marzu 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 208, ta' l-1.24.7.1992, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 156, tat-13.6.1997, p. 10.

<sup>(3)</sup> ĠU L 148, ta' l-1.21.6.1996, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 15, tal-21.1.1998, p. 6.

## L-ANNEX

A. **IL-PRODOTTI MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM ELENKATI FL-ANNEX II MAT-TRATTAT****Il-Laħam frisk (u l-ġewwieni)**

IL-ĠERMANJA

— Ix-Schwäbisch-Hällisches Qualitätsschweinefleisch (IĠP)

**Il-Prodotti bbażati fuq il-laħam**

L-ITALJA

— Il-Greußener Salami (IĠP)

**Iż-Żjut u x-xaħmijiet***Iż-Żejt taż-żebbuġa*

L-ITALJA

— It-Toscana (IĠP)

— It-Terra d'Otranto (IOP)

B. **IL-PRODOTTI TA' L-IKEL ELENKATI FL-ANNEX I MAR-REGOLAMENT (KEE) Nru 2081/92****Il-Birra**

IL-ĠERMANJA

— Il-Gögginger Bier (IĠP)

— Ir-Reuther Bier (IĠP)

— Il-Wernesgrüner Bier (IĠP)

---